MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 93/2011

**Mobilise Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Josephine Vella (K.I. 477686M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ elf, tlett mija u tletin ewro, u tnejn u sittin centezmu (€1,330.62) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizz telefoniku cellulari kont numru 481012 moghti mis-socjeta’ attrici u dan kif ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas il-pagament effettiv izda din baqghet inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-27 t'Ottubru, 2011 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenuta mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------